MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 19/2006

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C D, E F, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louise Tufigno nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri G D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fil-25 ta’ Awissu 2005 twieled G Dkif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

2. Illi omm il-minuri, u cioe' l-attrici kellha relazzjoni ma' certu C Dliema relazzjoni spiccat ftit xhur ilu.

3. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid, il-konvenut C Dhuwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifel minuri msemmi u dan minhabba li dak iz-zmien kemm l-attrici u kif ukoll il-konvenut C Dkienu jemmnu li l-minuri huwa t-tifel naturali tal-konvenut C D.

4. Illi kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u kif diga' jirrizulta mir-rizultat tad-DNA tests maghmula fuq C Du fuq it-tarbija (Dok B), il-missier naturali tal-minuri msemmija mhuwiex C D.

5. Illi fil-frattemp l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut E F u hekk kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza missier il-minuri imsemmi huwa l-konvenut E F.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi illi l-konvenut C Dm' huwiex il-missier naturali tal-konvenut minuri u pero' tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa l-konvenut E F.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri G D, billi f' dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm imnizzel isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem 'C D' jigi sostitwit bl-isem 'E F', fejn hemm miktub fejn twieled jithalla Pieta'; fejn hemm miktub fejn joqghod flok Gudja jitnizzel 'B' Kara Malta', u fejn hemm imnizzel isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet (missier missier it-tarbija), flok 'Carmelo D(haj)' jitnizzel 'Vincent F (haj)'.

3. Tiffissa manteniment pagabbli mill-konvenut E F lill-attrici bhala manteniment ghat-tifel minuri msemmi.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku rrisponda:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-esponent mhux il-legittimu kontradittur.

3. Illi l-attrici ghandha tispecifika d-dettali ta’ l-eta’ ta’ l-allegat missier naturali l-konvenut E F fid-data tat-twelid tat-tarbija kif ukoll in-numru tal-karta ta’ l-identita’ ta’ l-istess biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Ghaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar il-mertu ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut E F rrisponda:

1. Illi r-rikorrenti proprio m’ ghadnix interess guridiku sabiex tipproponi din il-kawza;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jikkontesta t-talbiet kollha tar-rikorrenti in kwantu fil-fatt u fid-dritt huwa mhuwiex missier il-minuri G D.

3. Illi sa llum ir-rikorrenti ma gabet ebda prova li l-esponenti huwa l-missier tal-minuri G D, anzi jirrizulta mic-certifikat tat-twelid prodott mir-rikorrenti stess li l-missier tal-minuri G Dhuwa C D;

4. Illi l-esponenti ma ghandu ebda obbligu ta' manteniment lejn ir-rikorrenti u ghalhekk it-tielet talba ghandha tigi michuda.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut Edmond Drrisponda:

1. Illi l-esponenti kien f' relazzjoni fit-tul mal-attrici A B u fil-25 ta' Awissu, 2005 twieled il-minuri G B illi l-esponenti kien konvint illi huwa kien il-missier naturali tieghu, liema konvinciment kien imsahhah ukoll b' dak li kienet tghidlu l-attrici u l-fatt illi hija qatt m' urietu li kellha relazzjoni ma' haddiehor minn wara dahru.

2. Illi ghalhekk l-esponent mill-ewwel kien assuma r-responsabbiltajiet tieghu u gharaf lill-minuri G bhala ibnu u b' hekk fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri fil-kolonna ta' isem il-missier hemm isem l-esponent u l-konnotati kollha tieghu.

3. Illi kien biss wara illi l-esponent kien issuspetta illi huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri G u ghalhekk sar it-test tad-DNA minn liema rrizulta b' mod car u innegabbli li l-esponent mhuwiex il-missier naturali tal-minuri.

4. Illi ghalhekk huwa mehtieg li kemm fl-interess tal-istess minuri u kif ukoll fl-interess tal-esponent, isem l-esponent u l-konnotati tieghu jigu kancellati mill-att tat-twelid tal-minuri stante illi l-esponent mhuwiex missieru.

Rat ir-rapport[1] ta' l-espert forensiku Dottor Renald Blundell minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

---

[1] Fol.43 *et seq.*

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel G li twieled fil-25 ta' Awissu 2005 kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu numru 2769/05, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C Dizda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F; u qed titlob id-debita korrezzjoni fl-imsemmi Att tat-Twelid. Inoltre l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiffissa s-somma pagabbli mill-konvenut E F lill-attrici bhala manteniment ghall-imsemmi minuri.

Illi mill-provi jirrizulta li f' Jannar tas-sena 2001 l-attrici kienet bdiet relazzjoni mal-konvenut E F li damet sejra sa' Mejju ta' l-istess sena. L-attrici tghid li dana kien l-ewwel guvni taghha li kellha relazzjonijiet sesswali mieghu. Illi, ghalkemm ir-relazzjoni ma' dan il-konvenut itterminat f' Mejju 2001, iz-zewg partijiet xorta wahda baqghu jiltaqghu okkazjonalment u ikollhom x' jaqsmu flimkien; u l-attrici tghid li damu sejrin hekk circa tlett snin. Fil-frattemp, fis-sena 2003, l-attrici kienet bdiet relazzjoni mal-konvenut l-iehor C D, u meta kien ikollha xi tghid ma' dan il-konvenut u jhassru ghal xi granet, hija kienet tohrog mal-konvenut E F u "normalmet" kien ikollha x' taqsam mieghu.

Illi l-attrici tghid li f' Novembru 2004 "waqqafna" ir-relazzjoni, u erbat ijem wara, harget ma' E F u dak in-nhar kellhom x' jaqsmu flimkien. Tghid: "Nghid li dak inhar bhas-soltu m' uzajna xejn biex jien ma ninqabadx tqila."[2]

Illi sussegwentement fil-25 ta' Awissu 2005 twieled it-tifel G u "hsibt li C Dkien il-missier naturali tat-tarbija u dan minhabba li kelli relazzjoni mieghu, u kien ikolli x' naqsam mieghu spiss." Izda "jiena wkoll beda jidholli dubju li t-tarbija setghet kienet ta' E pero' ma ridt nghid lil hadd dwar dan halli l-problema ma tikbirx." Wkoll "Edmond ried li jaghtih kunjomu u jien accettajt."

---

[2] Aff. Fol.36 *et seq.*

Sussegwentement sar it-test tad-DNA fuq rikjesta tal-konvenut C D, minn fejn irrizulta li huwa ma kienx il-missier naturali. Illi fil-mori tal-proceduri saru testijiet ulterjuri tad-DNA mill-espert nominat mill-Qorti, minn fejn irrizulta li l-missier naturali huwa l-konvenut E F. Illi r-rizultat ta' dawn it-testijiet jissufragaw it-tesi attrici li l-missier naturali ta' binha huwa l-konvenut E F, u ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici jsibu gustifikazzjoni fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi f' dan l-istadju jigi osservat riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut E F, li l-attrici, qua omm il-minuri G, ghandha interess gurdiku li tipproponi l-azzjoni odjerna. Dan jirrizulta car, mhux biss mid-dispost ta' l-artikolu 100 tal-Kap.16 li ma jaghmel ebda limitazzjoni in propositu, izda wkoll mill-fatt li l-omm bhala l-persuna li ghandha l-kura u kustodja effettiva tal-minuri ghandha d-dritt li tippercepixxi manteniment minghand il-missier naturali tal-minuri taht il-kustodja taghha. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija nfondata u ma treggix.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti sa fejn huma nkompatibbli ma' dak hawn taht deciz, tilqa' t-tabiet numri wiehed [1] u tnejn [2] fit-termini taghhom, u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri G D, mhuwiex il-konvenut C D, izda huwa l-konvenut E F.

Tirriserva li tipprovdi dwar it-talba numru tlieta [3] wara li l-partijiet ikunu segwew il-procedura kontemplata fl-Avviz Legali 397/2003.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn l-attrici u l-konvenut E F fi kwoti wgwali bejniethom.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza li qed tibqa' differita ghall-informazzjoni ulterjuri.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------